Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 305/2012

**Quality Exports and Imports Limited**
**(appellanti)**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**
**(appellat)**

18 ta' Diċembru, 2018.

1. Dan huwa appell ta' Quality Exports & Imports Limited minn deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fid-9 ta' Mejju 2017 li permezz tagħha ċaħad *'l-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.08.05-31.10.05, 01.11.05-31.01.05, 01.02.06-30.04.06, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, 01.05.08-31.07.08, 01.08.08-31.10.08, 01.11.08-31.01.08, 01.02.09-30.04.09, 01.05.09-31.07.09, 01.08.09-31.10.09, 01.11.09-31.01.10, 01.02.10-30.04.10, 01.05.10-30.09.10 u 01.10.10-31.12.10'* u minflok ikkonferma l-istess imsemmija stimi.

2. Il-fatti relevanti huma dawn:

    a. Is-soċjetà appellanti taħdem fil-qasam tal-importazzjoni ta' prodotti tal-ikel u xorb, fosthom birra, minn barra minn Malta u distribuzzjoni lin-negozji lokali.

    b. Fit-28 ta' Lulju 2011, wara proċess ta' *audit*, ġie rakkomandat li jinħarġu stimi proviżjorji għall-perjodi ta' taxxa mill-01.08.2005 sal-31.12.2010 '*in connection with the input tax claimed on the blocked items and lack of correct tax invoices totalling to €3,389.00. Meanwhile the amount of **€10,422.10** should be increased and apportioned according to tax periods as under-declared sales.'*[1]

[1] VAT Inspector Report anness ma 'Formula A' a fol. 1.

c. L-istimi proviżorji relattivi nħarġu fit-2 t' Awissu 2011. Wara proċess ta' *review*, dawn ġew ikkonfermati nkwantu:

> '*During the review meeting, it was pointed out that the investigation unit based the mark-up on the cost prices showing on the purchase invoices, and the same mark-up was calculated on the purchase invoices claimed in the VAT Returns to arrive to the deemed sales. The taxpayer was asked to provide evidence to calculate the additional costs to revise the mark-up. The additional costs would also have to be included with the purchases to apply the revised mark-up thereon. However, the taxpayer did not provide sufficient information to revise the mark-up. Consequently provisional assessments could not be adjusted as per taxpayer's request.*'[2]

d. Fit-2 ta' Diċembru 2011 l-appellat ħareġ 22 stima ta' taxxa fuq il-Valur Miżjud għas-segwenti perjodi:

01.08.05-31.10.05, 01.11.05-31.01.06, 01.02.06-30.04.06, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, 01.05.08-31.07.08, 01.08.08-31.10.08, 01.11.08-31.01.09, 01.02.09-30.04.09, 01.05.09-31.07.09, 01.08.09-31.10.09, 01.11.09-31.01.10, 01.02.10-30.04.10, 01.05.10-30.09.10 u 01.10.10-31.12.10.[3]

bis-saħħa ta' liema ir-rikorrenti ġew mitluba jħallsu €13,811.10 bħala taxxa fuq il-valur miżjud, oltré penali amministrattivi u imgħaxijiet.

e. Fit-21 ta' Diċembru 2011, is-soċjetà appellanti appellat minn dawn l-istejjem quddiem il-Bord tal-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Filwaqt illi l-appellanti rrikonoxxiet li kellha tħallas €3,389.00 relattivi għal *input tax* minnha erronjament mnaqqsa fid-denunzji, ikkontestat is-somma ta' **€10,422.10** żieda fl-*output tax* stante li:

> '*Mark-up overstated due to the fact that customs duty, eco tax, freight and other charges not included in cost price.*'

u talbu li l-istimi jinbidlu:

> '*as per workings submitted to VAT Dept*'

[2] Review Report anness ma 'Formula A' a fol. 1.
[3] Dokumenti annessi ma 'Formula A' a fol. 1.

f. Permezz ta' tweġiba ppreżentata fit-28 ta' Diċembru 2011[4] filwaqt li l-Kummissarju appellat ippreżenta kopja tar-rapport relattiv tal-*Vat Inspectors* kif ukoll tar-*Review Section*, wieġeb illi l-likwidazzjonijiet ta' taxxa għall-perjodu 01.08.05–31.12.10 huma ġusti u jistħoqqilhom konferma b' dan illi l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

g. Wara d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap.490), il-kawża intbagħtet quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u bdew jinstemgħu l-provi tar-rikorrenti.

h. B'deċiżjoni tad-9 ta' Mejju 2017, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ċaħad l-appell tas-soċjetà rikorrenti, bl-ispejjeż.

3. Permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2017, is-soċjetà appellanti talbet lil din il-Qorti tirrevoka, tħassar u tannulla d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amminsitrattiva tad-9 ta' Mejju 2017 fl-ismijiet ***Quality Exports and Imports Limited vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Rikors Nru 305/12VG)*** in kwantu fil-fehma tagħha t-Tribunal applika l-liġi ħażin u injora għal kollox id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, b' mod partikolari dak stipulat fis-Seba', l-Għaxar u l-Ħdax-il skeda tal-istess Att għal dak li jirrigwarda l-valur taxxabbli, it-tnaqqis (*deductions*) u d-dokumenti fiskali.

4. L-appellat wieġeb illi għalkemm is-soċjetà appellanti ssostni li l-aggravju tagħha hu dwar punt ta' liġi, filfatt m' hu xejn għajr kritika ta' punt tekniku u kalkolu matematiku deċiż mit-Tribunal u għalhekk mhuwiex appellabbli ladarba l-artikolu 47 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jippremetti appell minn deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq punt ta' liġi biss. Fil-mertu wieġeb li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjoni preliminari</u>.**

5. Din il-Qorti qabel xejn tinnota li fis-sentenza appellata, inkluż fil-parti dispożittiva, hemm żball f' żewġ perjodi tad-denunzji tal-VAT relattivi għall-vertenza in diżamina. Qed jiġu hawn senjalati b' tipa grassa:

> *'01.08.05-31.10.05, 01.11.05-**31.01.05**, 01.02.06-30.04.06, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, 01.05.08-31.07.08, 01.08.08-31.10.08, **01.11.08-31.01.08**, 01.02.09-*

[4] Fol. 4.

*30.04.09, 01.05.09-31.07.09, 01.08.09-31.10.09, 01.11.09-31.01.10, 01.02.10-30.04.10, 01.05.10-30.09.10 u 01.10.10-31.12.10'*

6. In kwantu huwa ovvju li dan huwa biss żball tat-tipa, a tenur tal-artikolu 175 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), tordna li kull fejn jirrikorri it-test appena ċitat, għandu jiġi sostitwit bis-segwenti:

*'01.08.05-31.10.05, 01.11.05-**31.01.06**, 01.02.06-30.04.06, 01.05.06-31.07.06, 01.08.06-31.10.06, 01.11.06-31.01.07, 01.02.07-30.04.07, 01.05.07-31.07.07, 01.08.07-31.10.07, 01.11.07-31.12.07, 01.01.08-31.01.08, 01.02.08-30.04.08, 01.05.08-31.07.08, 01.08.08-31.10.08, **01.11.08-31.01.09**, 01.02.09-30.04.09, 01.05.09-31.07.09, 01.08.09-31.10.09, 01.11.09-31.01.10, 01.02.10-30.04.10, 01.05.10-30.09.10 u 01.10.10-31.12.10'*

**<u>Konsiderazzjoni dwar il-meritu tal-appell tas-soċjeta appellanti</u>.**

7. Permezz tar-rikors tal-appell is-soċjetà appellanti fissret li l-ilment li hija ressqet quddiem it-Tribunal kien li meta l-Kummissarju għamel l-eżerċizzju tal-*mark-up*, ma ħax in konsiderazzjoni spejjeż relatati mal-prodotti mibjugħa, bħal *frieght* u *eco tax* imħallsa, liema fatturi jaffetwaw b'mod konsiderevoli l-*mark-up* li hija tkun għamlet fil-bejgħ tal-istess prodott. Tikkritika mbagħad il-kalkolu f'paġna sitta tad-deċiżjoni appellata u tirreferi għas-Seba' Skeda tal-Kap. 406 li tistipula f'hiex jikkonsisti '*taxable value of supplies*' kif ukoll għall-artikolu 3 sub-inċiż (1), (2) u (4) tal-Għaxar Skeda tal-Kap. 406 u l-artikolu 2 tal-Ħdax-il Skeda tal-istess liġi. Iżżid ulterjorment li l-eżerċizzju ta' *mark up* waħdu mhuwiex konklussiv tal-bejgħ attwalment magħmul mill-venditur għaliex ma jieħux in konsiderazzjoni fatturi bħal għoti ta' prodotti b' xejn bħala promozzjoni u offerta, tibdil ta' prodotti ħżiena u xogħol ritornat lura lill-venditur minħabba li ma jkunx inbiegħ. Targumenta ukoll li l-eżerċizzju ta' *mark-up* jistabbilixxi l-persentaġġ tal-qliegħ u mhux il-valur tal-bejgħ u għalhekk '*<u>jista' jkun</u> qed tbiegħ iżjed bħala valur peró l-persentaġġ tal-qliegħ tiegħek jibqa' l-istess.'* Tgħid għalhekk li l-kalkoli tagħha huma reali u u korretti '*għaliex ibbażati fuq dokumentazzjoni sħiħa u kompleta filwaqt li t-teżi tal-Kummissarju appellat u l-istimi maħruġa minnu huma ibbażati fuq suppożizzjonijiet u kalkoli approssimattivi'* li skontha jwasslu għal riżultat irreali u skorrett.

8. L-artikolu 47 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta), li għalih għamel referenza l-Kummissarju appellat, jipprovdi effettivament illi:

*'47.(1) Kull waħda mill-partijiet ta' appell jew ta' referenza lit-Tribunal, li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni ta' dak it-Tribunal, tista', permezz ta' rikors, li għandu jiġi ppreżentat fi żmien tletin jum mid-data li fiha id-deċiżjoni appellata*

*tiġi notifikata lilha, tagħmel appell minn dik id-deċiżjoni* ***__fuq kull punt ta' liġi biss__*** *–*
*(i) meta l-ammont totali ta' taxxa, penali amministrattiva u mgħax għall-perjodu jew perjodi ta' taxxa li qed isir appell dwarhom sad-data li l-appell jiġi riċevut mit-Tribunal ikun inqas minn miljun u mija u ħamsin elf euro (€1,150,000), lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri); u ...'*

9. Minkejja li l-appellanti tirreferi għal diversi dispożizzjonijiet tal-Kap.406, senjatament is-Seba' Skeda, l-artikolu 3 sub-inċiż (1), (2) u (4) tal-Għaxar Skeda u l-artikolu 2 tal-Ħdax-il Skeda, imkien ma tispjega __b'mod konkret__ l-allegat apprezzament legali ħażin tat-Tribunal f' dan ir-rigward. Dawn id-dispożizzjonijiet jipprovdu kif ġej:

*IS-SEBA' SKEDA*

*Valur taxxabbli ta' provvisti*
*1. Ħlief kif mod ieħor provdut fid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din l-Iskeda, il-valur taxxabbli ta' provvista għandu jkun il-valur totali tal-prezz imħallas jew li għandu jitħallas lill-fornitur mix-xerrej, mill-klijent jew minn xi persuna oħra għall-provvista, inkluż kull sussidju direttament marbut mal-għoti ta' dik il-provvista, iżda eskluża t-taxxa fuq il-valur miżjud li għandha titħallas taħt dan l-Att fuq dik il-provvista.*
*2. Il-valur taxxabbli ta' provvista għandu jinkludi, sakemm dawn ma jkunux inklużi fil-valur stabbilit skont il-partita 1:*
*(a) taxxi, dazji, mposti, drittijiet u kull ħlas ieħor (eskluża t-taxxa fuq il-valur miżjud li għandha titħallas taħt dan l-Att) li għandu jitħallas minħabba fil-provvista;*
*(b) spejjeż inċidentali, bħal kummissjonijiet, spejjeż ta' pakkjar, spejjeż ta' trasport u assigurazzjoni mitluba minn min jagħmel il-provvista lix-xerrej jew kompratur ukoll jekk ikunu koperti b'xi ftehim separat jew b'dokument separat.*

*3. Il-valur taxxabbli ta' provvista m'għandux jinkludi:*
*(a) kull tnaqqis fil-prezz minħabba fi skonti għal ħlas malajr;*
*(b) kull skont fil-prezz u roħs ieħor mogħti direttament minn min jagħmel il-provvista lill-kompratur li jitqies fiż-żmien meta jkollha titħallas it-taxxa;*
*(ċ) multi u mgħax imħallsa għal ħlas tard wara ż-żmien tal-provvista;*
*(d) kull ħlas lura imħallas f'isem u akkont tal-persuna li lilha ssir il-provvista, u li jirriżulta minn dokumenti miżmuma minn min jagħmel il-provvista li jkunu hekk ġew imħallsa, u li jiddaħħal fid-dokumentazzjoni ta' min jagħmel il-provvista f'suspense account;*
*(e) kull ammont imħallas mill-kompratur bħala depożitu fuq pakkeġġar ta' oġġetti li jista' jingħata lura fejn id-depożitu jkun anqas mill-ispiża tal-pakkeġġar.*

*...*

*L-GĦAXAR SKEDA*

*Taxxa li ma għandhiex titqies bħala input tax*

*3. (1) Bla ħsara għall-paragrafu (2) ta' din il-partita, ma għandu jitqies ebda ammont bħala input tax ta' persuna sal-limitu li dak jirrappreżenta taxxa li jkollha titħallas dwar:*

*(a) il-provvista lil dik il-persuna jew l-akkwist intra-Komunitarju jew importazzjoni minn dik il-persuna ta':*

*(i) tabakk jew prodotti tat-tabakk;*

*(ii) xorb alkoħoliku;*

*(iii) xogħlijiet artistiċi, oġġetti għall-kollezzjoni u antikitajiet;*

*(iv) vetturi bil-mutur, bastimenti jew inġenji tal-ajru, inkluż il-provvista tagħhom għall-kiri jew arranġamenti ta' leasing;*

*(v) oġġetti u servizzi bil-għan li ssir tiswija, manutenzjoni, għoti ta' karburanti u żamma ta' oġġetti li tapplika għalihom il-partita (iv) ta' dan is-subparagrafu;*

*(b) il-provvista ta' kull oġġett u servizz jew akkwist intra-Komunitarju jew importazzjoni ta' kull oġġett li jintuża fl-għoti minn dik il-persuna ta' riċevimenti, divertiment jew ospitalità ħlief meta dak l-għoti jsir b'kumpens fil-kors normali tal-attività ekonomika ta' dik il-persuna;*

*(ċ) il-provvista ta' kull oġġett u servizz jew akkwist intra-Komunitarju jew importazzjoni ta' kull oġġett li jintuża fl-għoti minn dik il-persuna lill-impjegati tagħha jew, fil-każ ta' korp ta' persuni, lill-uffiċjali jew impjegati tiegħu, ta' trasport jew divertiment:*

*iżda din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għal trasport mogħti minn dik il-persuna lill-impjegati tagħha fuq vetturi fejn jistgħu jiġu okkupati mhux inqas minnseba' postijiet.*

*(2) Id-dispożizzjonijiet tal-partiti (i) sa (v) tal-paragrafu (1)(a) ma għandhomx japplikaw għal:*

*(a) oġġetti provduti lil jew akkwistati taħt akkwist intra-Komunitarju jew importati minn persuna bil-għan li jerġgħu jinbiegħu, sew fl-istat kif ikunu ġew akkwistati jew wara xi trattar jew proċessar jew inklużi f'oġġetti oħra mogħtija bi provvista minn dik il-persuna, fil-korsnormali tal-attività ekonomika ta' dik il-persuna;*

*(b) vetturi bil-mutur, bastimenti u inġenji tal-ajru provduti lil jew akkwistati taħt akkwist intra-Komunitarju jew importati minn persuna uli jintużaw minnha bil-għan ta' trasport ta' oġġetti jew passiġġieri b'kumpens;*

*(ċ) bastimenti u inġenji tal-ajru provduti lil jew akkwistati taħt akkwistintra-Komunitarju jew importati minn persuna bil-għan li jiġu provduti minnha bis-saħħa ta' ftehim ta' charter jew kiri;*

*(d) vetturi bil-mutur provduti lil jew akkwistati taħt akkwist intra-Komunitarju jew importati minn persuna bil-għan li jiġu provduti minnha għall-kiri bix-xufier jew għall-kiri self-drive (eskluż l-għoti ta' karburanti lil dawk il-vetturi bil-mutur self-drive) jew li jiġu wżati fit-tagħlim tas-sewqan, sakemm dawn jiġu hekk użati, f'kull każ, fil-kors normali tal-attività ekonomika ta' dik il-persuna;*

*(e) vetturi bil-mutur disinjati u manifatturati għall-ġarr ta' oġġetti u hekk disinjati u manifatturati b'postijiet għall-persuni bilqegħda normalment biswit ix-xufier, jew b'postijiet bilqegħda għal disa' persuni jew aktar;*
*(f) bastimenti u inġenji tal-ajru li jintużaw għat-trasport ta' oġġetti jewpersunal fil-kors ta' attività ekonomika jew fejn l-użu ta' dawn il-bastimenti jew inġenji tal-ajru jikkostitwixxi element speċifiku u essenzjali fit-twettiq tal-attività ekonomika liema attività xort'oħra tagħti lok għal dritt ta' tnaqqis skont l-artikolu 22.*

*...*

*(4) It-taxxa mħallsa jew li għandha titħallas fuq kull provvista lil jew kull akkwist intra-Komunitarju jew importazzjoni minn persuna f'isem u għan-nom ta' persuna oħra dwar xi ħlas lura li, skont is-Seba' Skeda, ma tagħmilx parti mill-valur taxxabbli ta' provvisti magħmula lil dik il-persuna l-oħra m'għandhix titqies bħala l-input tax tal-persuna msemmija l-ewwel.*

*...*

*IL-ĦDAX-IL SKEDA*

*Affarijiet li għandhom jiġu inklużi fil-konteġġi*

*2. Il-konteġġi tal-attività ekonomika ta' kull persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għandhom jinżammu b'dak il-mod li jkunu jippermettu li tiġi aċċertata l-verifikata' dan li ġej:*
*(a) il-valur totali, eskluża t-taxxa, tal-provvisti magħmula minnha matul kull żmien ta' taxxa;*
*(b) il-valur totali, eskluża t-taxxa mitluba lura bħala kreditu ta' input tax, tal-inputs tagħha għal kull żmien ta' taxxa;*
*(ċ)l-output tax u kull taxxa oħra li għandha titħallas minn dik il-persuna għal kull żmien ta' taxxa;*
*(d) il-krediti ta' input tax, it-tnaqqis, il-kreditu eċċessiv ta' taxxa u t-taxxa li għandha titħallas lura għal kull żmien ta' taxxa;*
*(e) il-kalkolazzjoni, meta l-kreditu ta' input tax huwa permissibbli skont metodu ta' attribuzzjoni parzjali, tal-kreditu provviżorju ta' input taxgħal kull żmien ta' taxxa, u l-kreditu definittiv ta' input tax għal kull sena u tal-aġġustamenti tal-kreditu ta' input tax;*
*(f) is-sub-totali, breakdowns u noti tal-konteġġi hekk kif ikun meħtieġ biex jiġi identifikat b'mod ħafif is-sors tat-tagħrif muri fil-kont tat-taxxa fuq il-valur miżjud.'*

10. In tema legali, id-deċiżjoni appellata rreferiet biss għall-artikoli 1, 2 u 3 tas-Seba' Skeda in kwantu kienu biss dawk id-dispożizzjonijiet li saret riferenza għalihom mis-soċjeta appellanti waqt it-trattazzjoni finali in sostenn tal-pożizzjoni tagħha. Il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal huma s-segwenti:

*'In kwantu rigwarda dak provdut fl-Artikoli 1,2 u 3 tas-Seba' Skeda tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal liema ghamlet referenza s-socjetà Rikorrenti waqt it-trattazzjoni orali, jigi osservat li hawn mhux kaz ta' mera dibattitu legali izda ta' analizi dwar jekk il-mod kif il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ikkalkola d-deemed sales tas-socjetà Rikorrenti huwiex korrett, konsistenti u matematikament solidu, li fil-fehma tat-Tribunal huwa hekk.*

*...*

*Dan il-fatt ma gie bl-ebda mod kontradett mis-socjetà Rikorrenti li, minkejja l-fatt li invokat favur il-posizzjoni taghha l-provvedimenti ta' l-Artikoli 1, 2 u 3 tas-Seba' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, li in verità ma jvarjawx is-sitwazzjoni in ezami, ma ressqetx l-ebda kalkoli alternattivi ta' kemm kellhom ikunu d-deemed sales taghha, kalkoli li kellhom jiehdu in konsiderazzjoni spejjez ohra li jew gew irrappurtati f'kaxex ohra fil-VAT return taghha jew li min-natura taghhom huma eskluzi totalment, bhal ad ezempju spejjez ta' assigurazzjoni. Fid-dawl ta' dan ghalhekk jigi ribadit li fil-fehma tat-Tribunal il-mod kif il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghamel il-kalkoli tieghu biex wasal ghad-deemed sales tas-socjetà Rikorrenti huwa metodu matematikament solidu, korrett u konsistenti.'*

11. Din il-Qorti ma tirravviża l-ebda żball legali fil-kunsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal għal dak li jirrigwarda l-valur taxxabbli. Il-Qorti hija sodisfatta li spejjeż oħra rilevanti għall-finijiet tal-kalkolu tal-VAT dovuta ġew indikati f'kaxxi oħra fid-denunzja tal-VAT u għalhekk ittieħdu in konsiderazzjoni kif xieraq. Lanqas ma huwa l-każ li s-sentenza appellata tmur kontra d-dispożizzjonijeit l-oħra tal-Kap.406 ċitati mis-soċjetà appellanti f'dan l-istadju dwar taxxa li m'għandiex titqies bħala *input tax* jew dwar kif għandhom jinżammu l-konteġġi.

12. Huwa manifest li dak li verament qegħda tilmenta dwaru s-soċjetà appellanti, bil-pretest li jammonta għall-punt tal-liġi, huwa l-eżerċizzju matematiku li għamel il-Kummissarju fil-*mark-up exercise* sabiex jikkalkula d-*deemed sales.*

13. Il-kontestazzjoni tas-soċjetà appellanti tirrigwarda l-*output tax* fl-ammont ta' €10,422.10 pretiża mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-perijodi ta' taxxa 'l fuq indikati, liema *output tax* hija bbażata fuq *underdeclared sales* ta' birra fl-ammont ta' €57,900.58.[5] Mill-'***Appendix A***' anness mal-*audit report* tal-ispetturi tal-VAT jirriżulta li l-Kummissarju wasal għal din il-figura abbażi ta' *markup* ta' 36.95%. Dan il-persentaġġ inħadem fuq id-diskrepanza bejn in-*net unit price* tal-*purchases* u in-*net price per carton* tas-*sales* liema prezzijiet ingħataw mis-soċjetà appellanti stess u fl-ebda waqt ma jirriżultaw kontestati. Fix-xhieda tiegħu Ramon Francalanza, in rappreżentanza tal-Kummissarju appellat, ikkonferma:

[5] ***Appendix D*** flimkien ma' l-*audit report*.

*'Aħna ħdimna net price ma' net'.*[6]

14. Skont ix-xhud, dan mhuwiex l-uniku mod kif jista' jiġi stabbilit il-*markup*. Jistgħu ukoll jiġu kkalkulati l-ispejjez inkorsi oltré n-*net cost* tal-prodott, iżda f' dak il-każ l-imsemmija spejjeż iridu jiżdiedu ukoll mal-*purchases*. Mistoqsi jistgħux jittieħdu in konsiderazzjoni spejjeż oħrajn wieġeb:

> *'nistgħu neħduhom into consideration pero' mbgħad irridu nżiduhom mal-purchases, ħa nibdlu l-ammonti jekk irridu nżiduhom mal-invoice, irridu nżiduhom mal-purchases as an expense, għax jew ser taħdem net ma' net jew ser taħdem il-cost plus dawn l-ispejjeż u l-purchases plus dawn l-ispejjeż'* [7]

15. Il-Qorti qed tifhem li l-kalkolu pretiż mill-appellanti, fejn jittieħdu in konsiderazzjoni l-ispejjeż kollha marbuta mal-prodott sabiex jitqiegħed fis-suq, jiddetermina l-**qliegħ (profit)**. Iżda hemm distinzjoni netta bejn dan tal-aħħar, li jifforma l-bażi li fuqu tinħadem it-taxxa fuq l-*income*, u l-***markup percentage,*** li fuqu bbaża l-kalkoli tiegħu l-Kummissarju appellat sabiex jasal għad-*deemed sales* li fuqhom ġiet ikkalkulata t-taxxa fuq il-valur miżjud dovuta mill-appellanti.

16. L-awturi Coopers & Lybrand Deloitte jispjegaw dan il-metodu ta' verifika kif ġej:

> *'Customs will seek by various other methods to confirm that the figures included on a registered person's VAT returns are credibile. Some of the more commonly used methods are described below.*
>
> *Mark-ups*
>
> *This check is invariably used for retail trades. Customs will try to establish the actual mark-up policy of the taxpayer.* ***They will normally ask about the policy and then confirm it by taking products off the shelves and comparing the purchase price with the actual selling price found****. If they find that the actual mark-ups are higher than the mark-up shown in the final accounts and VAT returns, they may not accept the turnover figure in the accounts as being correct. In this instance they will compute the goods for resale figure and use the actual mark-up figure found to arrive at a notional sales figure. VAT will then be calculated on this figure for comparison with that declared on the VAT returns with an assessment being raised for any excess. It would thus be possible for the output figures from the VAT returns to be successfully reconciled to the turnover figure in the financial statements, but for Customs not to accept either figure as a proper measure of the actual sales.* [8]

17. Fil-fatt Ramon Francalanza xehed:

---

[6] Fol. 65.
[7] Fol. 66.
[8] *The VAT Handbook, A practice guide for businesses,* Coopers & Lybrand Deloitte, 1999 pg 65 – 66.

*'Għax il-kumpannija tixtri lokali kif ukoll tixtri minn barra. Tlabnihom lill-kumpannija lill-accountant lis-sur Briffa, invoices ta' xiri u invoices ta' bejgħ biex aħna qed nipparagunaw dejjem like with like. Rajna kemm qed ikun hemm mark up fuq kull invoice, ħadna sample. Kollox submitted dokumenti submitted kollox mill-kumpannija jiġifieri mill-accountant, għalhekk ħriġna mbagħad bl-average mark up. Hekk saret il-kalkolazzjoni'* u

*'Meta tara l-eżerċizzju kif isir min-naħa tal-VAT Department,* ***aħna naslu sal-gross profit, ma naslux san-net profit fejn hemm l-ispejjeż l-oħrajn*** *... L-eżerċizzju jsir sal-gross profit ... aħna ma ndaħħlux dawk l-ispejjeż bħal ma huma insurance, per eżempju maintenance u ħafna affarijiet oħrajn u fuel li jista' jkun ukoll relatat. Dawk ma ndaħħluhomx at VAT stage. Aħna l-eżerċizzju jsir sal-gross profit tal-mark up, għalhekk ngħidu li nagħmlu like with like.'*[9]

18. Huwa minnu li l-eżerċizzju ta' *mark-up* in kwistjoni ma jidhirx li ħa in konsiderazzjoni fatturi bħal għoti ta' prodotti b'xejn bħala promozzjoni u offerta jew xogħol ritornat lura, liema fatturi jisgħu iwasslu għal diskrepanzi bejn *deemed sales* u l-figuri ndikati fil-VAT return:

*'There are, of course, many reasons why there may be differences between the actual mark-ups found and those reflected in the VAT returns. These include:*

- *changes in pricing policy during the period in question;*
- *theft of goods/wastage – the purchase of these goods will be reflected in the purchase VAT records, but there will be no corresponding sale;*
- *special and seasonal sales. The reduced mark-up on the products sold in these events will obviously lower the average mark-up shown in the financial statements and VAT returns;*
- *consumption by the proprietor. VAT will only be due on the cost price of the goods. The projected retail value should not therefore be included in any mark-up exercise;*
- *Customs may have not taken a big enough 'basket of products' to arrive at a representative mark-up;*
- *the actual mark-up found may be applie to a non-representative purchase period. The mark-up should be applied to a period which fully reflects the pattern of business throught the year.'*[10]

19. Iżda kif ġustament wieġeb il-Kummissarju appellat, l-allegazzjoni tal-appellanti li l-eżerċizzu tal-*markup* ma ħax in konsiderazzjoni l-għoti ta' prodotti b'xejn bħala promozzjoni u offerta jew xogħol ritornat lura, huwa punt ta' fatt li dwaru ma tressqux provi. Lanqas ma jirriżulta li ġew pruvati xi fatturi oħra mil-lista hawn elenkata li jxejjnu l-eżerċizzju ta' *mark-up* li għamel il-Kummissarju. Dan dejjem fil-kuntest tal-fatt li skont il-Kap. 406, l-oneru tal-prova li l-valur

[9] Fol. 106.
[10] *The VAT Handbook, A practice guide for businesses,* Coopers & Lybrand Deloitte, 1999 pg 66.

taxxabbli skont l-istma maħruġa mill-Kummissarju huwa eċċessiv jinkombi fuq l-appellant.[11] It-Tribunal stess fis-sentenza osserva li l-appellanti, *"ma ressqitx l-ebda kalkoli li kellhom jieħdu in konsiderazzjoni spejjeż oħra li jew ġew rapportati f'kaxex oħra fil-VAT return tagħha jew li min-natura tagħhom huma esklużi totalment, bħal ad eżempju spejjeż ta' assigurazzjoni"*.

20. Għaldaqstant, l-aggravju tal-appellanti hu miċħud.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.

[11] Kap. 406, artikolu 2(2) tad-Disa' Skeda.